# TIBDIL IEHOR FIL-BELT

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Nissuktaw illum nitkellmu dwar it-tibdil li sar fl-ismijiet, fl-użu u fl-istruttura tal-bini fil-Belt Valletta wara li l-Kavallieri telqu minn Malta. Nibdew bl-ismijiet tat-triqat u naraw x'ismijiet kellhom fi żmien il-Kavallieri (K), fi żmien il-Franċiżi (F), fi żmien l-Ingliżi (I) u fi żmien il-Gvern Malti (M).**

Strada S. Giorgio (K), Rue Nationalle (F), Kingsway (I), Triq ir-Repubblika (M), Strada Mercanti (K), Rue des Marchands (F), Merchants Street (I), Triq il-Merkanti (M); Strada Forni (K), Rue des Fours (F), Old Bakery Street (I), Triq il-Fran (M); Strada Zecca (K), Rue de la Monnaie (F), Old Mint Street (I), Triq iz-Zekka (M); Strada S. Ursola (K), Rue de la Constitution (F), St. Ursula Street, (I) Triq S. Orsla (M); Strada Molini a Vento (K), Rue des Moulins a vent (F), Scots u West Street (I), Triq l-Iskoċċiżi u Triq l-Imtieħen (M); Strada Mezzodi jew del Palazzo (K), Rue de Genie (F), South Street (I), Triq Nofsinhar (M); Strada Britannika (K), Rue de la Felicitè Publique (F), Britannia Street (I), Triq Brittannika (M); Strada Del Monte (K), (K), Rue de Peuple (F), St. John's Street (I), Triq S. Ġwann (M); Strada S. Lucia (K), Rue des Defenseurs de la Patrie (F), St. Lucia Street (I), Triq S. Luċija (M); Strada Teatro (K), Rue de la Fraternitè (F), Old Theatre Street (I), Triq it-Tijatru (M).

Niġu għal toroq oħra: Strada Vescovo (K), Rue des Liberteurs de la Patrie (F), Bishop Street (I), Triq l-Arċisqof (M); Strada Cristoforo (K), Rue des droits de l-Homme (F), St. Christopher Street (I), Triq San Kristofru (M); Strada S. Domenico (K), Rue des Patriots (F), St. Dominic Street (I), Triq S. Duminku (M); Strada S. Nicola (K), Rue des Deux Balles (mnejn ġiet id-Dui Balli) (F). St. Nicholas Street (I), Triq S. Nikola (M); Strada Zaccaria (K) Rue de la Victoire (F), St. Zachary Street (I), Triq Zakkarija (M); Strada Federico (K), Rue de Brutus (F), St. Frederick Street (I), Triq San Federiku (M).

L-ismijiet tal-pjazez ukoll inbidlu maż-żmien. Dik tal-Palazz, ġa għidna kif inbidel isimha: l-isem ta' Pjazza Reġina oriġinarjament kien Piazza Tesoreria, għax quddiemha kien hemm it-Teżor tal-Ordni — fejn illum hemm il-"Casino Maltese", u nbidel fi Place de l'Egalité (F), Queen Square (I), Pjazza Reġina (M).

Ta' min jinnota kif il-Franċiżi fl-entużjażmu qawwi tagħhom bidlu l-ismijiet kollha f'ismijiet patrijottiċi ftit bombastiċi.

Jekk fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, kif għidna, Triq Irjali, Triq Merkanti u Triq il-Fran kienu t-triqat l-aktar kommerċjużi tal-Belt, illum naraw ħafna triqat oħra li ntlew bi ħwienet sbieħ u ħafna minnhom moderni, li jħabbtuha finnegozju mat-trieqat ewlenin tal-istess Belt.

## Knejjes qodma u oħrajn ġodda

Dwar il-knejjes tal-qedem fil-Belt ngħidu li waħda biss naqset għax waqgħet fi żmien l-aħħar gwerra u ma reġgħetx inbniet. Din kienet il-knisja tal-Isem imqaddes ta' Marija, ħdejn Sant'Iermu, magħrufa aktar bl-isem ta' "il-Knisja taz-Zuntier", għax madwarha kien hemm ċimiterju. Dik il-knisja kienet attrazzjoni għat-turisti, għaliex minn ġewwa kienet kollha ddekorata bl-għadam tal-mejtin, u għalhekk kienet tissejjaħ ukoll "Chapel of Bones". Naħseb li dik d-dekorazzjoni saret fuq il-kripta li tinsab fil-knisja tal-Kapuċċini ġo Ruma. Dekorazzjoni kurjuża u, sa ċertu pont, sabieħa; imma ma nafx kemm devota!

Uħud mill-knejjes qodma ġew modifikati fl-istruttura tagħhom, biex isiru aktar spazjużi. Hekk per-eżempju nistgħu ngħidu dwar il-knisja ta' S. Franġisk ta' Putirjal, li tkabbret min-naħa ta' wara, u dwar il-knisja tal-Karmnu, li qegħda tibdel il-fisjonomija sħiħa li kien taha l-arkitett Malti Ġlormu Cassar. Reġgħet inbniet mill-ġdid, għax twaqqgħet fl-aħħar gwerra, il-knisja tal-Griegi fi Triq l-Arċisqof .Dik ta' Sant' Orsla wkoll ġarrbet ħsarat kbar fl-istess gwerra u ġiet restawrata.

Mal-knejjes kattoliċi qodma, fi żmien l-Ingliżi, żdiedu żewġ knejjes protestanti: il-Knisja Anglikana quddiem il-Berġa ta' Aragona, li nfetħet fl-1842 mir-Reġina Adelajde, u l-Knisja Skoċċiża, dedikata lil Sant'Andrija, fi Triq Nofsinhar ma' Triq il-Fran, li nfetħet fis-sena 1856.

## It-Tijatri tal-Opra

It-Tijatru Manoel, imsemmi għall-Grammastru Manoel de Vilhena li bnieħ, għal xi żmien taħt it-treġija tal-Ingliżi serva ta' kenn għal fqar li ma kellhomx dar fejn jistkennu. Għandi l-idea li darba qrajt x'imkien li kienu jħalisu xi ħaġa żgħira ħafna, u jmorru jorqdu hemm. Min jaf kemm insetti ġrew fil-palketti sbieħ ta' dak it-Tijatru, ġahwra li ħallewlna l-Kavallieri u li reġa ħa l-post onorevoli tiegħu maż-żmien. Illum hu t-Tijatru Nazzjonali u jsiru fih ħafna rappreżentazzjonijiet għoljin u kunċerti mużikali sbieħ.

Għaliex waqa' l-livell ta' dak it-tijatru? Għax bejn is-snin 1860 u 1866 inbena tijatru ġdid li ħa l-isem ta' "Teatro Reale" jew "Royal Theatre". Inbena fuq id-disinji tal-arkitett magħruf ingliż Mr. Barry, dak li bena l-"Covent Garden" ta' Londra. Twaqqgħet biex inbena, id-dar imsejħa "Casa della Giornata", forn, u ringiela ħwienet ta' standard baxx. Dat-Tijatru nħaraq minn ġewwa fis-sena 1873 u reġa ġie dekorat fis-snin 1874-76.

Seba snin wara nbniet, fil-pjazza ta' maġenb it-Tijatru, l-istazzjon tal-ferrovija, li minnha niftakar it-twieqi kbar tal-ħġieġ, il-biljetterija u l-mina li minnha kont tinżel għall-ferrovija, li għadha hemm sal-lum. Imma llum, minflok it-tren, issib il-karrozzi tal-"Yellow Garage".